# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 50**

**Citaz. Nru. 272/93GV**

Doc. 175-01

**Alfred Mangion**

**vs**

**Carmela sive Carrie Micallef**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur ilu snin konsiderevoli fil-pussess tal-ghalqa konsistenti f'porzjonijiet f'salib it-toroq f'Triq Liedna l-Fgura.

Premess illi recentement ossia' tlett tijiem ilu l-konvenuta ikkommettiet spoll a dannu tal-attur, billi qeghdha tibni hajt fuq l-istess porzjonijiet maqsuma tal-ghalqa b'dan illi huwa mahsub illi l-bini tal-istess hajt ser jestendi l-access li l-attur ghandu ghall-bitha b'garaxijiet.

Premess illi dan l-agir da parti tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll abbusiv u vjolenti tad-drittijiet ta' pussess li l-attur ghandu fuq l-imsemmija ghelieqi.

Premess illi l-pussess da parti tal-attur jirrisulta anke permezz ta' sentenza deciza min dina l-Qorti tas-16 ta' Frar, 1993 ghall-liema sentenza l-konvenuta ddikjarat permezz ta' nota li behsieba t'appella minnha.

L-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuta bl-agir taghha spolljat lill-attur billi abusivament u vjolentement qeghdha taghmel xoghol ta' bini fuq l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Bajjad' fi Triq Liedna l-Fgura;

2. tordna lill-konvenuta li tirrintegra lill-attur fil-pussess u godiment tal-ghalqa billi tnehhi kull bini li sar fuq l-art *de quo* bl-applikazzjoni tal-artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuta. U bl-ispejjes ta' mandat ta' inibizzjoni prezentata kontestwalment ma' dina c-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenuta Carmela sive Carrie Micallef a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi hija bl-ebda mod ma rrendiet ruhha hatja ta' spoll kif allegat fic-citazzjoni tal-attur u dan billi l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni kien jappartjeni lilha u l-attur ma kellux fil-pussess tal-ghalqa in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 19 li bih giet ordnata l-allegazzjoni ta' kopja tal-provi u sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza 16 ta' Frar, 1993 - JSP

Rat il-verbal a fol. 28 li bih saret referenza ghal kawza 286/93 fl-ismijiet inversi deciza llum u d-digriet a fol 38;

Rat id-digriet a fol. 46 li bih gew allegati l-atti tal-process Citaz. Nru 837/91;

Rat id-degriet a fol 96 li bih gie nominat il-perit David Pace;

Rat ir-relazzjoni a fol. 123;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenuta;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuta bl-agir taghha spoljat lill-attur billi abusivament u vjolentament qeghda taghmel xoghol ta' bini fuq l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Bajjada" fi Triq Liedna, l-Fgura; tordna lill-

konvenuta li tirrintegra lill-attur fil-pussess u godiment tal-ghalqa billi tnehhi kull bini li sar fuq l-art *de quo* bl-applikazzjoni tal-artikolu 791 tal-Kap. 12.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta eccepiet illi hija bl-ebda mod ma rrendiet ruhha hatja ta' spoll kif allegat fic-citazzjoni ta' l-attur u dana billi l-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni kien jappartjeni lilha u l-attur ma kellux il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-provi, dokumenti u konsiderazzjonijiet migbura u maghmula fil-kawza 286/93 fl-ismijiet inversi deciza illum, u a skans ta' ripetizzjoni dawn ghandhom ukoll japplikaw ghall dina l-kawza kif kien ordnat li jsir waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi mill-provi prodotti fiz-zewg kawzi rrizulta li l-attur ma kellux il-pussess tal-partijiet tal-ghalqa in kwistjoni. Dawn kienu fil-pussess ta' l-attrici u uliedha u kienu huma li gew spussessati. L-attrici kienet bniet il-hajt in kwistjoni bhala manifestazzjoni tal-pussess li hija kellha ta' l-art in kwistjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF  GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**